MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 87/2004

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Ghid inti konvenuta ghaliex ma ghandekx tigi kkundanata tirrifondi lill-atturi l-ammont ta’ hames mitt lira Maltija (Lm500) u cjoe’ l-ammont illi thallas lilek minn Sean Muscat bhala prezz ta’ mutur Kawasaki minnek mibjugh lill-istess Sean Muscat – u dan prevja, okkorrendo id-dikjarazzjoni illi dak il-bejgh huwa null u bla ebda effett fit-terminu tal-artikolu 968 et seq. tal-Kodici Civili stante illi sar ma’ bnieden taht l-eta’ ta’ tmintax-il sena, u cjoe’ minorenni.

Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-ittra bonarja tad-29 ta’ Lulju 2004, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunta.

Bl-interess legali fuq is-somma dovuta b’effett mid-data tan-notifika ta’ dan l-avviz sad-data tar-rifuzjoni effettiva.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-bejgh tal- mutur Kawasaki sar lill-minuri bil-kunsens tal-genituri tieghu;

2. Illi l-istess atturi konjugi Muscat mhux biss taw il-kunsens taghhom lill-konvenut biex ibigh dan il-mutur lil binhom izda wkoll hallsu l-prezz ta' l-istess mutur.

3. Illi l-atturi qed jippruvaw jirrexxindu dan il-bejgh wara li l-mutur kien ilu sitt (6) xhur fil-pussess taghhom, intuza kontinwament ghal sports ta' 'scrambling' fir-raba' ta' hdejn ir-residenza taghhom u l-istess mutur tfarrak waqt wahda minn dawn is-sessjonijiet ta' l-'iscrambling'

4. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjes kontra l-atturi."

Ha konjizzjoni tal-provi

Ra l-verbal tas-seduta tat-28 ta' Gunju 2005 li permezz tieghu t-Tribunal gie nfurmat bit-transazzjoni li sehhet bejn il-partijiet u li kellha sservi ta' bazi ghal sentenza

Ikkunsidra

Illi kif majjistralment vergat mill-Imhallef Philip Sciberras, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Rev. George Schembri vs Igor Moscalenko – 09.06.2004. Huwa pacifiku illi "*perche un contratto possa qualificarsi di transazione, e` necessario che le parti col medesimo abbiano posto fine ad una lite incominciata, o prevenuto una lite che fosse per nascere*" (**Kollaz. Vol. X pagna 337**). Dan jirrientra fid-definizzjoni li l-ligi stess taghti lill-Artikolu 1718 tal-Kodici Civili;

Kif, imbaghad, insenjat "it-transazzjoni ghandha zewg elementi partikulari li jikkaratterizzawha u jiddistingwuha mill-kuntratti l-ohra; l-ewwel wiehed hu d-dubju, li minnu jridu johorgu l-partijiet billi jirrizolvuh huma stess minflok

ihallu d-decizjoni fuqu ghall-Qorti; it-tieni hu dak li l-prattici jsejhu l-"*hinc inde remissum*", cjoe il-koncessjoni jew sagrificcju reciproku." (**Kollez. Vol. XLIII P I p 418**);

Dan premess, gjaladarba wkoll it-transazzjoni *de quo* tirrivesti l-formalita` tal-kitba rikjesta mill-Artikolu 1233 tal-Kodici Civili, it-transazzjoni hekk milhuqa bejn ilkontendenti f' dan il-kaz ghar-rigward tal-kontroversja ta' bejniethom "ghandha l-effett ta' sentenza li tghaddi f' gudikat u ghalhekk it-transazzjoni hi parifikata ghal sentenza" (**Kollaz. Vol. XXXIV P III p 900**). Mhux il-kaz ghalhekk li din l-istess transazzjoni tigi disturbata;

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi, illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz billi b'konsegwenza tal-istess transazzjoni, il-mertu jinstab esawrit, b'dan illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------